**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Ciro Napolitano**

Numru 230/2019

Illum 10 ta' April 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Ciro Napolitano**, iben Giuseppe u Loredana neé De Riso, residenti B7, Bonelle Maison, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 158925A, imwieled Napli, fl-Italja nhar l-20 t'Ottubru 1994

akkuzat talli nhar l-1 t'April 2019 bejn is-siegha u s-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (13:00hrs – 14:30hrs), minn gewwa diversi stabbilimenti fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkommetta serq permezz ta' *credit card*, ghad-dannu ta' Thomas Milone, u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat, bil-valur li jiskorri l-elfejn, tliet mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jissugerixxu lill-Qorti li l-Qorti ghandha taghti sentenza ta' prigunerija fil-konfront tal-imputat it-terminu ta' liema jkun sospiz.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "JS 2") u kif ukoll il-fatt li l-ammont misruq mill-imputat kien dak ta' €4,511 liema somma giet mghoddija llum *seduta stante* lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Scicluna. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak suggeriet mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Ciro Napolitano hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li

b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet (3) snin.

Il-Qorti spjegat, tramite l-interpretu nominata waqt is-seduta tallum, lill-imputat Ciro Napolitano fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment, il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

_________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

_________________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**